

Brussell, 9 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14442/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0369(APP)**

---

**FIN 1186**  
**CADREFIN 193**  
**RESPR 38**  
**POLGEN 145**

**PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 595 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 595 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 595 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.11.2022  
COM(2022) 595 final

2022/0369 (APP)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020  
li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta għal emenda tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093<sup>1</sup> hija ppreżentata flimkien mal-proposta għal Regolament li jstabbilixxi strument biex jingħata appoġġ lill-Ukrajna<sup>2</sup> u l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046<sup>3</sup> fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' teħid b'self ġenerali.

Wara l-invażjoni Russa mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna, l-Unjoni pprovdi appoġġ sinifikanti lill-Ukrajna biex issaħħaħ ir-reżiljenza tagħha, tipprovdi assistenza umanitarja, għajnuma militari u appoġġ ieħor. L-Ukrajna teħtieġ assistenza kontinwa biex issostni l-funzjonament tal-Istat.

L-assistenza makrofinanzjarja (AMF) lill-Ukrajna mill-Unjoni sa issa kienet ġeneruża u effettiva, iżda kienet ipprovduta fuq bażi *ad hoc*, li tkopri ftit xhur kull darba, u kienet teħtieġ proviżjonament sinifikanti mill-baġit tal-Unjoni u mill-garanziji nazzjonali f'kull ċiklu ta' finanzjament. L-esperjenza tas-self tal-Assistenza Makrofinanzjarja (AMF) lill-Ukrajna żvelat ir-restrizzjonijiet għall-finanzjament tal-proviżjonament għal programmi ġodda ta' self taħt il-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027. Ir-rikors għall-garanziji tal-Istati Membri biex jikkomplementaw ir-riżorsi baġitarji ppreżenta bosta żvantaġġi operazzjonali u finanzjarji. L-approċċ frammentat li kellu jiġi applikat għas-self reċenti tal-AMF lill-Ukrajna huwa fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali li ma għadhiex sostenibbli. Il-baġit tal-Unjoni jeħtieġ li jkun mgħammar b'soluzzjoni strutturali biex jiġi żgurat appoġġ finanzjarju kontinwu għall-Ukrajna.

L-emenda tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 se testendi l-kopertura baġitarja attwalment applikata għas-self lill-Istati Membri anke għal self lill-Ukrajna disponibbli għas-snin 2023 u 2024, li tirreferi għall-assistenza finanzjarja li fir-rigward tagħha tiġi adottata deċiżjoni li tawtorizza r-rilaxx f'dawk is-snin. Għaldaqstant, jekk l-Unjoni jkollha tonora l-obbligi ta' ripagament mir-riżorsi tal-baġit tal-Unjoni - fil-każ li Stat benefiċjarju (Stat Membru jew l-Ukrajna għall-assistenza finanzjarja disponibbli għas-snin 2023 u 2024) jonqos milli jipprovdi l-pagament dovut fil-ħin - l-ammonti meħtieġa jiġu mobilizzati lil hinn mill-limiti massimi tal-QFP sal-limiti massimi tar-riżorsi proprji (mill-hekk imsejjaħ "marġni ta' manuvra").

L-emenda relatata tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tippredvi li s-self jiġi organizzat abbażi tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata. Bis-saħħa tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata, kwalunkwe nuqqas temporanju ta' flus li jirriżulta jista' jiġi

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, ĠU L 4331, 22.12.2020, p. 11.

<sup>2</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi strument biex jingħata appoġġ lill-Ukrajna (assistenza makrofinanzjarja +), COM(2022) 597.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

ssodisfat permezz ta' rikors għall-pula ta' likwidità li tappoġġa din is-soluzzjoni. Għaldaqstant, il-kombinazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata u l-allinjament tal-kopertura baġitarja tas-self lill-Ukrajna għall-assistenza finanzjarja disponibbli għas-snin 2023 u 2024 ma' dik tal-Istati Membri fir-Regolament QFP tiżgura qafas robust, flessibbli u effiċjenti għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna. Iż-żewġ emendi se jippermettu li tiġi stabbilita soluzzjoni ta' finanzjament strutturata biex jtkompla l-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna propost fir-Regolament li jistabbilixxi strument biex jingħata appoġġ lill-Ukrajna.

Jenħtieġ li l-kopertura baġitarja mill-marġni ta' manuvra tapplika biss għal assistenza finanzjarja ġdida lill-Ukraina, li hija disponibbli għas-snin 2023 u 2024 u awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 220(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bil-ħsieb li jingħata appoġġ rapidu u effiċjenti lill-Ukrajna, qed jiġi propost li din il-proposta speċifika għal emenda mmirata tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 tiġi trattata bħala proposta awtonoma, separata mill-proposta tat-22 ta' Diċembru 2021 (COM (2021) 569).

## **2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

### **• Bażi ġuridika**

L-Artikolu 312 tat-TFUE jikkostitwixxi l-bażi ġuridika għall-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

### **• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-inizjattiva taqa' fl-ambitu ta' qasam ta' politika fejn l-UE għandha setgħat esklużivi (skont l-Artikolu 312 tat-TFUE). Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

### **• Proporzjonalità**

Il-bidliet huma proporzjonati għall-ħtiġijiet urġenti li jiġi stabbilit strument li jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna, li jista' jiġi implimentat biss wara li l-kopertura baġitarja attwalment applikata għas-self lill-Istati Membri lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP sal-limiti massimi tar-riżorsi proprji tiġi estiża għall-Ukrajna għall-assistenza finanzjarja disponibbli għas-snin 2023 u 2024.

### **• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Skont id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 l-ammonti meħtieġa biex jiġu onorati l-obbligi ta' ripagament tal-Unjoni taħt operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self f'każ li l-Unjoni ma tirċevix mill-Istat Membru benefiċjarju l-pagament dovut fil-ħin (jiġifieri l-mobilizzazzjoni ta' garanzija għal assistenza finanzjarja lill-Istati Membri) jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP. Din id-dispożizzjoni ġiet introdotta għall-ewwel darba fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill 1311/2013<sup>4</sup> li jistabbilixxi l-QFP għas-snin 2014-2020.

L-ammont mobilizzat ma jistax jirriżulta f'li jinqabżu l-limiti massimi tar-riżorsi proprji. Għaldaqstant, id-dispożizzjoni li testendi l-kopertura baġitarja mill-marġni ta' manuvra għall-garanzija għal assistenza finanzjarja lill-Ukrajna hija kompatibbli mal-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 312 tat-TFUE, li skonhom il-QFP "*għandu jassigura li l-infiq tal-Unjoni jiżviluppa*

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884–891.

*b'mod ordnat u fil-limiti tar-riżorsi proprji tagħha”, u “għandu jistabilixxi kwalunkwe dispożizzjoni oħra meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tal-proċedura annwali tal-baġit”.*

### **3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Billi testendi l-mobilizzazzjoni ta' garanzija għal assistenza finanzjarja lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP lill-Ukrajna għal assistenza finanzjarja disponibbli għas-snin 2023 u 2024 flimkien mal-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri tal-UE, il-proposta se tippermetti użu aktar effiċjenti tar-riżorsi baġitarji taħt il-limiti massimi tal-QFP. Il-possibbiltà li l-garanzija tiġi mobilizzata lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP toffri kopertura sħiħa tal-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna disponibbli għas-snin 2023 u 2024, f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq in-nefqa tal-QFP 2021-2027.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>5</sup>,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) L-Unjoni ilha tappoġġa lill-Ukrajna wara l-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja b'sensiela ta' miżuri finanzjarji. L-appoġġ ingħata fuq bażi *ad hoc* għal perjodu ta' żmien limitat u jeħtieġ proviżjonament sinifikanti mill-baġit tal-Unjoni u mill-garanziji nazzjonali.
- (2) L-Ukrajna teħtieġ assistenza kontinwa biex issostni l-funzjonament tal-Istat. L-Unjoni hija mistennija tikkontribwixxi flimkien ma' sħab internazzjonali oħra biex tkopri dawn il-ħtiġijiet urġenti. Għal dak l-għan, l-Unjoni adottat strument ġdid skont ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>. F'konformità ma' dak l-istrument, parti sinifikanti mill-assistenza finanzjarja prevista għandha tiġi pprovduta fil-forma ta' self.
- (3) Fost instabbiltà esterna akbar, huwa xieraq li tiġi prevista soluzzjoni ta' finanzjament strutturata għas-snin 2023 u 2024 biex jiġi żgurat appoġġ finanzjarju kontinwu għall-Ukrajna.
- (4) Għaldaqstant huwa xieraq li l-Unjoni titħalla tipprovdi r-riżorsi baġitarji meħtieġa b'mod sostenibbli u sod. Dan jenħtieġ li jsir billi jiġi estiż il-mekkaniżmu eżistenti fil-forma ta' garanzija tal-baġit tal-Unjoni biex ikopri l-assistenza finanzjarja li hija disponibbli għall-Ukrajna fis-snin 2023 u 2024. Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jippermetti mobilizzazzjoni sa 100 % tal-ammonti ta' obligazzjonijiet finanzjarji meħtieġa biex jiġu onorati l-obbligi ta' ripagament tal-Unjoni taħt operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self fil-każ li l-Unjoni ma tirċevix il-pagament dovut fil-ħin mill-pajjiż benefiċjarju.

<sup>5</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>6</sup> ĠU [...], [...], p. [...].

- (5) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu mobilizzati l-approprijazzjonijiet meħtieġa fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-Istati Membri, kif ukoll għall-assistenza finanzjarja għall-Ukrajna disponibbli għas-snin 2023 u 2024. Jenħtieġ li din il-possibbiltà tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jiġi rispettata il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stipulat fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053<sup>7</sup>.
- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għall-programmi ta' assistenza finanzjarja lill-Ukrajna disponibbli għas-snin 2023 u 2024.
- (7) Fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (8) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza, fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) 2020/2093 jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2020/2093, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Meta jkun meħtieġ li tiġi mobilizzata garanzija għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna li tkun disponibbli għas-snin 2023 u 2024 u tiġi awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 220(1) tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont meħtieġ għandu jiġi mobilizzat lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.”

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).